**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

| **Ir-Raba' Sena** | **Malti Fehim mis-Smigħ** | **Ħin: 30 minuta** |
|---|---|---|

**Il-Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami**

**Ir-Riżorsi:**

1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi. **L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | • Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>• Ser tinqralhom l-istorja ***Mixja Mal-Irdum.***<br>• Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | 5 minuti |
| 2 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>• L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | 5 minuti |
| 3 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | 5 minuti |
| 4 | • Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>• Għandhom iwieġbu billi jagħmlu linja taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | 8 minuti |
| 5 | • Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | 4 minuti |
| 6 | • Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | 3 minuti |

# <u>Mixja Mal-Irdum</u>

1. Franco tifel ta' tmien snin kien iħobb imur passiġġati fil-kampanja.
2. Darba flimkien mal-familja tiegħu tela' ġimgħa sa Għawdex. Magħhom telgħet iz-zija Rita.
3. Minħabba li kienet tkun sħana qawwija mal-ġurnata, Franco kien jgħaddi ż-żmien jgħum, jiekol u jorqod. Hu ma setax imur jimxi fil-kampanja Għawdxija bħalma xtaq. Franco tgħidx kemm kien iddispjaċut.
4. Iżda z-zija Rita ħarġet b'idea tajba. Minflok imorru mixja fil-kampanja mal-ġurnata meta kienet tkun sħana kbira, setgħu jmorru passiġġata bil-lejl meta l-arja tkun aktar friska.
5. Dakinhar stess huma marru mixja lejn l-Irdum Ta' Ċenċ. Iz-zija qaltilhom li l-Irdum Ta' Ċenċ hu l-ogħla post f'Għawdex, bħalma *Dingli Cliffs* hu l-ogħla post f'Malta.
6. Kulħadd kellu torċ f'idu u d-dawl tal-qamar għinhom jaraw it-triq aħjar. Iz-zija avżat lil Franco u lil ħutu biex ma jitbegħdux minn mal-grupp għax malajr setgħu jintilfu. Hi qaltilhom ukoll biex ma jersqux lejn ix-xifer tal-irdum għax kien perikoluż ħafna.
7. Meta kienu kważi waslu ħdejn l-irdum huma bdew jisimgħu bħal għajjat ġej min-naħa t'isfel tal-irdum. Kulħadd fetaħ widnejh sew biex jisma' aħjar. Meta resqu viċin, l-għajjat kien jixbaħ il-biki ta' tarbija.
8. Kulħadd beda jdur 'l hemm u 'l hawn. Huma fetħu għajnejhom beraħ ħa jaraw jiċċumbawx it-tarbija. Iżda kif jista' jkun, kulħadd beda jgħid lil xulxin, li f'post daqshekk imwarrab u f'dan id-dlam kollu jkun hawn tarbija hawnhekk!
9. Huma semgħu ħoss ta' ġwienaħ fuq rashom. Meta ħarsu 'l fuq raw għasfur kbir itir b'ħeffa kbira. L-għajjat żdied u fis-sema tfaċċaw ħafna iżjed għasafar kbar itiru.
10. Iz-zija Rita ftakret li fuq l-Irdum Ta' Ċenċ jgħix dan l-għasfur kbir li jismu ċ-ċiefa. Hi qaltilhom li ċ-ċiefa jagħmel il-bejta tiegħu fil-blat fuq l-irdum ħdejn il-baħar. Hu għasfur li jiekol il-ħut u l-għajta tiegħu tixbaħ ħafna l-biki ta' tarbija żgħira.
11. Huma tfew it-torċijiet u qagħdu fis-skiet iħarsu lejn dawk l-għasafar sbieħ. Il-familja Borg indunaw li f'kull post li tmur tista' titgħallem xi ħaġa ġdida.
12. L-għada bdew jitbissmu. Lanqas ħaqq il-qatgħa li ħadu u l-istejjer li għamlu f'moħħhom fuq it-tarbija ġol-irdum!

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Franco mar
   - ġurnata Għawdex.
   - jumejn Għawdex.
   - ġimgħa Għawdex.
   - xahar Għawdex.

2. L-istaġun kien
   - ix-xitwa.
   - ir-rebbiegħa.
   - is-sajf.
   - il-ħarifa.

3. Franco kien iħobb
   - il-passiġġati fil-kampanja.
   - jara l-annimali.
   - jgħum maz-zija.
   - jiekol u jorqod.

4. Iz-zija ħarġet bl-idea li
   - jimxu mal-ġurnata.
   - jimxu fuq ir-ramel.
   - jimxu ħdejn il-baħar.
   - jimxu bil-lejl.

5. Ta' Ċenċ hu post
   - fil-baxx.
   - fl-għoli.
   - żgħir ħafna.
   - fl-għoli ħafna.

6. L-ogħla post f'Malta hu
   - Ta' Ċenċ.
   - *Dingli Cliffs*.
   - l-Imdina.
   - l-Belt Valletta.

7. Biex jaraw it-triq kellhom
   - torċ u lampa.
   - id-dawl tal-qamar u l-kwiekeb.
   - torċ u xemgħa.
   - id-dawl tal-qamar u torċ.

8. Xifer l-irdum kien post

- tajjeb għall-mixi.
- komdu għall-mixi.
- perikoluż għall-mixi.
- sabiħ għall-mixi.

9. Huma semgħu tarbija

- tibki.
- tidħak.
- titkellem.
- twerżaq.

10. Il-ħin tal-ġurnata kien

- bi nhar.
- wara nofsinhar.
- filgħaxija.
- bil-lejl.

11. L-għasfur kien

- ċkejken.
- feroċi.
- kbir.
- ikkulurit.

12. L-għasfur kien

- ċiefa.
- ċawla.
- ajkla.
- seqer.

13. Dan l-għasfur jgħix

- f'nofs il-kampanja.
- ħdejn xi xmara.
- ħdejn il-baħar.
- f'xi għalqa.

14. F'kull post li tmur

- hemm x'titgħallem.
- m'hemm xejn x'titgħallem.
- tara annimali kbar.
- tara bini u djar biss.

**Imla l-vojt**.

15. Ma setgħux imorru jimxu mal-ġurnata għax kienet tkun __________________________.

16. Iz-zija avżat lil Franco u lil ħutu biex ma jitbegħdux minn mal-grupp għax malajr setgħu ______________________ .

17. L-għajjat taċ-ċiefa l-familja Borg ħasbuh biki ta' _____________________ .

TMIEM IL-KARTA